**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 50 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Spettur Sarah Magri**

**Vs**

**Carmel Galea**

Illum, 3 ta' Gunju, 2021.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Galea, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 626354 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli ghax-xahar t'Awwissu 2019 kif ukoll nhar id-29 ta' Awwissu, 2019, ghal habta ta' 09:45hrs fil-Gzejjer Maltin,

(1) Naqas li jaghti lil URSOLA GALEA, is-somma, ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma (Kap 9, Artikolu 338 (z)).

(2) Insulenta jew hedded lis-sieheb/siehba, il-konjugi/il-koabitant jew lil zewgu/martu URSOLA GALEA jew jekk kont provokajt, ingurjajt b'mod li hrigt mil-limitu tal-provokazzjoni (Kap 9, Artikolu 339 (1) (e)).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Jannar, 2021, fejn il-Qorti illiberat lill-imputat mit-tieni (2) akkuza u wara li rat l-Artikolu 7, 12 u 338 (z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal xahar (1) detenzjoni effettiva.

Rat ir-rikors tal-appellant Carmel Galea minnhu pprezentat fid-9 ta' Frar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. **Kwistjoni ta' preskrizzjoni.**

   Minkejja li l-avukat sottoskritt qieghed jiddetta dan l-appell minn sala fl-isptar Mater Dei, qieghed jaghmel referenza ghall-fatt li ghall-perjodu n-notifiki li kienu qed isiru permezz ta' sistema aktarx msejha locus ma kienetx tirrispetta dawk li huma l-obbligi li johorgu mill ligi kriminali specjalment l-Artiklu 360 illi l-persuna li titressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati akkuzata u ma tkunx arrestata tinghata avviz iffirmat mill-ispettur bil miktub minbarra cirkustanzi ohra li huma wkoll rilevanti. Ma jissewwix kollox billi johrog avviz legali li jiddel dak li hemm fil-Kodici Kriminali. Bl-istess mod ukoll lanqas jista' avviz li jafu li ghandu effett ta' ligi jibdel ukoll il Kostituzzjoni. Wara kollox, l-Artiklu 6 tal-Kostituzzjoni jitkellem li dik hija l-ligi suprema tal-pajjiz u mhux l-avvizi legali.

Illi barra l-Kodici Kriminali tezisti wkoll il-Kostituzzjoni u d-Drittijiet Umani fil-kostituzzjoni fejn jaghmluha obbligatorja wkoll l-informazzjoni li ghandu jkollu l-imputat biex jista' fil-fatt jiddefendi ruhu. Ghalhekk jekk wiehed jezamina r-ritwalita tar-referti originali jsib illi kollox huwa preskritt u ghandu ghalhekk l-imputat jigi mehlus minn kull htija u piena.

**2. M' hemmx obbligu skont il-kuntratt.**

F' dan il-kaz partikolari wiehed irid joqghod ghall-kliem li hemm miktub illi jsemmi l-manteniment. Jekk wiehed jezamina li-kuntratt, dan il-kuntratt jsemmi l-kelma li Carmelo Galea joffri. L-offerta ma tekwivalix ghall obbligazzjoni. Ma tfissirx li hemm rabta imma hija xi haga volontarja li persuna taghmel Lanqas jezisti fil kuntratt illi l-mara qed taccetta dik l-offerta. Il-kliem uzat huwa loose hafna u liberu tant hu hekk li qed joffrilha manteniment u jippermettilha li tahdem pero meta tigi ghall-kwistjoni tad-dar hemmhekk bl-iswed fuq l-abjad jghaddihilha.

Ghalhekk il-kliem li hu intuzat fil-kuntratt ma jorbotx mal-kliem li hemm miktub fil-Kodiči Kriminali li jipprospetta din il-kontravenzjoni.

Ghalhekk kellu jkun mehlus ukoll minn kull htija u piena ghal din ir-rağuni.

**3. Nemo ad impossibila tenetur**

Hadd ma hu marbut ghal dak li hu mpossibbli. Jirrizulta ampjament li l-mara qieghda tahdem, ghandha penzjoni ghaliha. L-esponenti ghandu penzjoni tieghu. Hija ghandha anke sahansitra proprjeta li kif diga ssemma ghandha valur sostanzjali allura kollox ma' kollox qieghed bil-wisq fair aktar il-kaz li ghandu bzonn manteniment ir-ragel minghand il-mara milli l-mara minghand

ir-ragel. Meta torbot kollox ma' xulxin specjalment il-kaz ta' sahha tieghu ma kellha qatt tinghata piena karcerarja f' dan il-kaz. Barra li ghandu wiehed jistenna l-ezitu ta' proceduri civili fejn qed jigi kkontestat dan ir-reat ghaliex il-bazi tieghu hija fl-ewwel lok čivili u mhux obbligazzjoni b' xi mod ta' natura penali.

4. **Ir-Reat kontinwat**

Hija stramba, l-interpretazzjoni illi qed tinghata tar-reat kontiinwat. F' dan il-kaz fl-istess gurnata 25 ta' Jannar, 2021, gew decizi ghaxar (10) kawzi. Wahda, 1-Qorti astjeniet, pero' fid-disgha l-ohra sabet il-htija.

Naturalment applikat f' xi whud fi tnejn il-kontiwat imma fl-ohrajn le. Minn Marzu sa Gunju, 2019, applikat il-kontinwat ghall-erba' (4) xhur. Ghal Settembru sa Ottubru applikat wkoll il-kontinwat ghal xahrejn u imbaghad xahar ghal kull wiehed (1).

Fejn hu stramb, l-istramb huwa illi kollox jidependi mis-Surgent tal-Pulizija li johrog ic-citazzjonijiet. L-Artiklu 18 tal-Kodici Kriminali jaqa' taht l-applikazzjoni tal-pieni u dak hemm ma jiddependix minn kif tinkiteb l-akkuza izda mill-fatt li huwa stabbilit illi meta jkun diversi vjolazzjonijiet tal-istess disposizzjoni tal-ligi anke fi zminijiet differenti jigi applikat il-kontinwat. F' dan il-kaz dan gie kompletament vjolat.

Rat illi fis-seduta ta' illum l-1 ta Gunju, 2021 dehret il-parte civile Ursola Galea assistita mill-avukat difensur taghha Dr Carm Mifsud Bonnici. Rat illi waqt din l-istess seduta l-akkuzat appellant hallas id-debitu tieghu u cioe' dak kollu dovut lill-kwerelanti in rigward ic-citazzjoni in kwistjoni.

Semghet lill-parte civile tghid li thallset ghas-saldu u li m'ghandhiex pretensjonijiet ohra fir-rigward ta' din l-istess kawza u ghalhekk ghazlet li tirtira ix-xhieda taghha

moghtija qudiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali nhar id-9 ta Novembru 2020 u li qed tirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta' zewgha l-akkuzat appellant stante li dan illum irregola ruhu.

Rat li skond l-artikolu 633(2) tal-kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta hija diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandhiex tezenta lix-xhud milli jaghti ix-xhieda taghha pero' stante il-qrubija tal-kwerealnti odjerna ma l-akkuzat stante li tigi martu, hija ser tilqa' it-talba taghha li tirtira ix-xhieda taghha moghtija f'dawn il-proceduri.

Rat li l-prosekuzzjoni ma resqet l-ebda xhud iehor sabiex jixhed fuq din il-pendeza fuq dak li jaf *di scienza proprija*.

In vista ta' tal-fatt li illum il-kwerelanti irtirat ix-xhieda taghha moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar id-9 ta' Novembru, 2020 din il-Qorti qeda tilqa' l-appell tal-appellant u tiddikajra li ma hiex qed issibu hati tal-akkuza u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur